MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 975/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR SHARON TANTI**
**VS**
**PAUL VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Vella ta' 52 sena, iben Joseph u Pauline nee' Azzopardi, imwieled il-Mosta fil-31 ta' Mejju 1953, residenti f'Marpaul House, Triq it-Trincetta, Mosta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 430453(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-17 ta' Settembru 2005 ghall-habta ta' l-16:00 gewwa l-fond Marpaul House, Triq it-Trincetta, Mosta u fil-21 ta' Settembru 2005 ghall-habta tat-8pm fl-istess lok;

Ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ bintu Dorianne Vella, kif certifikat minn Dr. Daniela Grima M.D. Red. no. 2882, u Dr. Nicholas Vassallo tal-Mosta Health Centre.

Aktar akkuzat talli, fl-istess dati, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil Dorianne Pace jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga. (sec.251. (1) Kap.9)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Paul Vella, hati skond l-akkuza, bit-tieni akkuza kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza u wara li rat l-Artikoli 221, 251 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz u cioe illi l-imputat ghandu l-vizzju tax-xorb u li jsir vjolenti u agressiv meta jixrob u jibda jaqbad ma’ kulhadd. Illi l-familjari tieghu ppruvaw jaghmlu minn kollox sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna halli jieqaf mill-vizzju li ghandu, izda l-isforzi kollha taghhom sfaw fix-xejn. Illum il-gurnata, l-Qorti giet infurmata, illi l-omm u l-bint jghixu apparti mill-imputat u li ma ghadtx hemm skontri bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------